**28 ta' April, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Karmenu Attard

## Nullita` ta' Sentenza

*Nullita` ta' sentenza hi sollevabbli kemm mill-persuna misjuba ħatja, kemm mill-Avukat Ġenerali, kif ukoll mill-Qorti* ex officio, *basta li*

*meta l-appell ikun ta' l-Avukat Ġenerali, dan ikollu dritt jappella, ċjoe' l-appell ikun fih innifsu ritwali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva b'att ta' ċitazzjoni kontra Karmenu Attard talli fis-16 ta' Settembru, 1994 għall-ħabta tas-7.20 a.m. ġo, Triq il-Belt Valletta, l-Imqabba (1) ġarr arma tan-nar jew fittex jew dar għall-kaċċa jew ipprova jikkaċċja għasafar meta ma kellux fuqu karta ta' l-identita` maħruġa taħt l-Att tal-Karta ta' l-Identita`, skond il-liġi; (2) ġarr arma tan-nar, sew ikkargata jew mhux, li ma kinitx fl-għata tagħha meta kien f'anqas minn ħamsin metru minn triq mnejn jgħaddu vetturi bil-mutur; (3) kien f'anqas minn mitejn metru minn kwalunkwe belt jew raħal jew f'postijiet oħra abitati; l-ewwel Qorti kienet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti kif ukoll tordna li l-akkużat ikun skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja għall-kaċċa għal mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Novembru, 1994 li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Attard mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni iżda sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu taħt il-provdiment ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 għall-perijodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fit-2 ta' Diċembru, 1994 li bih talab li din il-Qorti tannulla jew tirriforma l-imsemmija sentenza u ssib il-ħtija fuq l-akkużi kollha u tinfliġġi l-piena skond il-liġi, inkluża l-konfiska ta' l-arma;

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluża n-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-appellat Attard tat-2 ta' Frar, 1995; semgħet il-provi u t-trattazzjoni; ikkunsidrat:

L-Avukat Ġenerali qed jinvoka bħala bażi għall-appell tiegħu l-artikoli 413(1)(b)(iii), 382 u 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 30 tal-Kap. 66 u r-Regolament 25(5) ta' l-Avviż Legali 146/93. Il-Qorti pero` tosserva li l-artikoli 382 u 428(3) tal-Kodiċi ma jagħtux *per se*, dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali; dawn iż-żewġ artikoli flimkien sempliċement jgħidu x'għandu jsir meta fil-kors ta' appell regolarment intavolat tqum il-kwistjoni ta' ksur ta' formalita` sostanzjali. Kwantu għall-artikolu 30 tal-Kap. 66, dan hu kompletament irrelevanti għall-każ in diżamina peress li l-appellat qatt ma ġie imputat b'fatti li jistgħu jammontaw għal xi reat taħt l-Ordinanza dwar l-Armi. L-impressjoni li ħadet din il-Qorti hu li dana l-appell sar bil-għaġġla u b'ċerta traskuraġni, tant li ċerti sentenzi fih anqas biss jiftehmu. Din il-Qorti tippretendi aktar attenzjoni fl-istesura ta' rikorsi ta' appell li jiġu quddiemha u speċjalment meta r-rikors ikun tal-prosekuzzjoni;

Mill-banda l-oħra mhux għal kollox korrett l-appellat li jeċċepixxi l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodiċi Kriminali ma jagħtix id-dritt lill-Avukat Ġenerali li jqajjem in-nullita` tas-sentenza jew li tali nullita` tista' tiġi ssollevata biss mill-imputat (appellat jew appellant skond il-każ). In-nullita` li għaliha jidher li qed jagħmel riferenza l-Avukat Ġenerali hi dik konsegwenzjali għan-nuqqas ta' indikazzjoni korretta fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti ta' l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat li tiegħu persuna tkun ġiet misjuba ħatja minn dik il-Qorti. Din in-nullita` skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti hi sollevabbli kemm mill-persuna misjuba ħatja, kemm mill-Avukat Ġenerali, kif ukoll mill-Qorti *ex officio*, basta

li, meta l-appell ikun ta' l-Avukat Ġenerali, dan ikollu dritt jappella, ċjoe` l-appell ikun fih innifsu ritwali. Issa, f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għandu dritt ta' appell, fuq punti ta' dritt, fuq punti ta' fatt, kif ukoll fuq piena, in forza tar-Regolament 25(5) ta' l-Avviż Legali 146/93. Għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' l-appellat ikkontenuti fin-nota tiegħu aktar 'il fuq imsemmija qed jiġu respinti;

L-ewwel Qorti sabet lill-appellat, allura imputat, ħati biss tat-tieni imputazzjoni, iżda naqset li tindika fis-sentenza tagħha l-artikolu tal-liġi li jikkontempla dan ir-reat (artikolu 382 tal-Kap. 9). Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali li jġib bħala konsegwenza t-tħassir tas-sentenza appellata u d-deċiżjoni tal-kawża fuq il-meritu minn din il-Qorti (artikolu 428(3), Kap. 9). Pero` l-kawża tiġi deċiża mill-ġdid fuq il-meritu biss għar-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellat jew appellant, skond il-każ, ikun instab ħati u mhux ukoll għar-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li minnhom ikun ġie lliberat. F'dan is-sens din il-Qorti qed tilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' l-appellat. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tħassar is-sentenza appellata u ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu għar-rigward tat-tieni imputazzjoni;

Mill-provi mismugħa minn din il-Qorti din it-tieni imputazzjoni tirriżulta ppruvata u għalhekk jikkonfigura r-reat imsemmi fil-paragrafu (4) tar-Regolament 9 ta' l-A.L. 146/93. Kuntrarjament għal dak li donnu qed jgħid l-appellant, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 mhumiex esklużi għar-rigward ta' reati taħt dan l-Avviż Legali. Din l-esklużjoni ma tirriżulta la mill-imsemmi Avviż Legali u anqas mil-liġi - l-Att ta' l-1991 biex Tħares l-Ambjent - li bis-saħħa tagħha saru r-regolamenti in kwistjoni. Issa, il-piena għal dan ir-reat, trattandosi ta' l-ewwel reat simili mill-

appellat (hu mhux qed jiġi akkużat li hu reċidiv f'reat taħt dawn ir-regolamenti) hi ta' multa ta' mhux anqas minn ħamsin lira iżda mhux aktar minn ħames mitt lira. Issa huwa veru li d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 mhumiex applikabbli meta si tratta ta' reat "li għalih hemm biss piena ta' multa jew ta' ammenda". Din l-espressjoni, pero`, trid neċessarjament tiftiehem għar-reat oġġettivament rigwardat u ċjoe` indipendentement mill-fatt jekk il-ħati kienx diġa` kkommetta preċedentement reat simili. Oġġettivament rigwardat ir-reat li tiegħu l-appellat instab ħati m'għandux biss il-piena ta' multa jew ta' ammenda iżda f'każ tat-tieni jew kull reat ieħor sussegwenti hemm anke il-piena ta' priġunerija. Interpretazzjoni differenti minn din twassal għall-konklużjoni pjuttost assurda li f'każ ta' l-ewwel infrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti id-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 ma jkunux applikabbli, mentri fil-każ tat-tieni jew aktar infrazzjoni dawk id-disposizzjonijiet ikunu applikabbli;

Fil-każ in diżamina l-infrazzjoni kienet waħda minima, dovuta għall-fatt li sakemm l-appellat ħareġ mill-vettura tiegħu u fetaħ il-bieb tad-dar, hu kellu s-senter mhux fil-għata tiegħu. F'dawn ċirkostanzi din il-Qorti mhix tal-fehma li għandha tapplika piena;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lil Karmenu Attard ħati talli fis-16 ta' Settembru, 1994 għall-ħabta tas-7.22. a.m. ġo Triq il-Belt Valletta, l-Imqabba, ġarr arma tan-nar, sew ikkargata jew mhix, li ma kinitx fil-għata tagħha, meta huwa kien f'anqas minn ħamsin metru minn triq mnejn jgħaddu vetturi bil-mutur u dan bi ksur tar-Regolament (4) ta' l-A.L. 146/93 u minflok il-piena, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 9(1) tal-Kap. 152 jillibera lill-istess Karmenu Attrad taħt kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat għall-perijodu ta' għaxar xhur mil-lum. Għal kull *buon fini* din il-Qorti

qed tiddikjara li qabel ma għamlet dan l-ordni hija ottemperat ruħha ma' dak li jirrikjedi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9 imsemmi u ċjoe` fissret lill-ħati bi kliem ċar illi jekk jagħmel reat ieħor matul il-perijodu tal-liberazzjoni taħt kundizzjoni huwa jkun jista' jiġi kkundannat għar-reati oriġinali.